


# LINJI GWIDA TAL-AKKWIST GĦAĊ- ĊIBERSIGURTÀ FL-ISPTARIJJET

Ir-rapport għandu l-għan li jkun “manwal” għall-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa. Ħafna mill-prattiki u r-rakkomandazzjonijiet se jkunu utli wkoll għal organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa oħrajn, peress li l-proċessi ta' akkwist jistgħu jkunu simili ħafna. Huwa utli għall-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa li jokkupaw pożizzjonijiet tekniċi fl-isptarijiet, jiġifieri fil-livell ta' kapijiet eżekuttivi: Timijiet CIO, CISO, CTO u tal-IT kif ukoll uffiċjali tal-akkwist f'organizzazzjonijiet tal-kura tas-saħħa. Dan id-dokument qasir iddiskuta l-punti ewlenin tar-rapport — għal aktar dettall il-qarrej irid jirritorna għall-pubblikazzjoni tal-ENISA: [Prattiki Tajba tal-ENISA għas-Sigurtà tas-Servizzi tal-Kura tas-Saħħa li ġew ippubblikati fi Frar tal-2020](#).

## PROĊESS TA' AKKWIST

Peress li l-ekosistema tal-isptarijiet hija magħmula minn diversi komponenti tal-IT, iċ-ċibersigurtà jenħtieġ li tiġi eżaminata separatament f'dawn il-komponenti differenti kollha. Iċ-ċibersigurtà jenħtieġ li tkun parti mill-istadji differenti kollha tal-proċess ta' akkwist. F'din it-taqsimha, aħna nippreżentaw l-istadji komuni tal-proċess ta' akkwist għall-kisba ta' prodotti u servizzi inkluż apparat mediku, sistemi ta' informazzjoni u infrastrutturi.

Figura 1: Ċiklu tal-ħajja tal-proċess ta' akkwist għall-isptarijiet



- **Fażi tal-pjan:** Inizjalment, l-isptar janalizza l-ħtiġijiet tiegħu u jġbor ir-rekwiżiti minn diversi diviżjonijiet internament. Pereżempju, fil-każ li jinkiseb servizz ġdid tal-cloud, is-CTO għandu jidentifika l-ħtiġijiet u jifhem x'tip ta' użu se joffri dan is-servizz.
- **Fażi tas-sors:** Wara dan, ir-rekwiżiti jġu tradotti fi speċifikazzjonijiet tekniċi u, f'kollaborazzjoni mal-uffiċċju tal-akkwist, jibda l-proċess ta' akkwist (eż., tiġi ppubblikata offerta). L-isptar jirċievi l-offerti magħżula, il-kumitat (inkluż is-CTO/CISO jew u membru tat-tim tal-IT) jevalwa l-offerti u jagħżel l-aktar prodott xierqa. In-negozjati jsiru mal-kuntrattur u l-kuntratt jingħata.
- **Fażi tal-immaniġġjar:** Fl-aħħar nett, il-kuntratt (ġestjoni u monitoraġġ) huwa assenjat lis-sid tan-negozju fl-isptar. L-uffiċjal assenjat huwa responsabbli biex jagħlaq l-offerta u jirċievi kwalunkwe feedback mill-utenti dwar il-prestazzjoni reali tat-tagħmir/tas-sistema/tas-servizz.

## TIPI TA' AKKWIST FL-ISPTARIJIET

**Tabella 1:** Tipi ta' Akkwist (Tassonomija tal-Assi)

Tip ta' akkwist	Deskrizzjoni tat-tip
<b>Sistemi ta' informazzjoni klinika</b>	Jinkludi l-akkwist ta' kwalunkwe tip ta' software orjentat lejn il-kura medika
<b>Apparat mediku</b>	Kwalunkwe biċċa hardware ddedikata għat-trattament, il-kontroll jew id-dijanjożi tal-mard
<b>Apparat tan-network</b>	Linji tan-network (koassjali, ottiċi), gateways, routers, swiċċijiet, firewalls, VPNs, IPS, IDS, eċċ.
<b>Sistemi ta' kura mill-bogħod</b>	Faċilitajiet jew apparati li jipprovdu kura barra mill-ambjent tal-isptar, speċjalment dawk li llum jissejġu "servizzi ta' kura fid-dar ibbażati fl-isptar".
<b>Apparati mobbli għall-klijenti</b>	Kwalunkwe biċċa software li tipprovdi assistenza tas-saħħa jew għbir ta' <i>data</i> medika li ma tkunx konnessa direttament man-network tal-isptarijiet; pereżempju applikazzjonijiet tat-telemediċina
<b>Sistemi ta' identifikazzjoni</b>	Sistemi li jidentifikaw b'mod uniku pazjenti jew persunal mediku (skanners bijometriċi, qarreja tal-kards eċċ.) u jggarantixxu l-identifikazzjoni u/jew l-awtorizzazzjoni biex jaċċessaw is-sistemi tal-IT.
<b>Sistemi ta' Ġestjoni tal-Bini</b>	Kwalunkwe tip ta' kostruzzjoni li jista' jkollha faċilitajiet mediċi.
<b>Sistemi ta' kontroll industrijali</b>	Sistemi li jikkontrollaw l-aspetti fiżiċi kollha taċ-ċentri bħas-sistemi tar-regolazzjoni tal-enerġija, is-sistemi tal-illokkjar tal-bibien, is-sistemi tas-sigurtà taċ-ċirkwit magħluq.
<b>Servizzi professjonali</b>	Kull tip ta' servizz esternalizzat jew le, ipprovdut minn professjonisti jew kumpaniji: servizzi mediċi, trasport, kontabilità, inġinerija, IT, legali, manutenzjoni, tindif, forniment tal-ikel, eċċ.
<b>Servizzi tal-cloud</b>	Kwalunkwe SKI jew sistema ta' informazzjoni oħra li ma tinsabx fil-bini mediku jew f'faċilità ta' ċentru tad- <i>data</i> taħt kontroll sħiħ tad-diviżjoni tal-IT taċ-ċentru mediku.

## TASSONOMIJA TAT-THEDDID

Tipi differenti ta' akkwist huma assoċjati ma' diversi theddidiet għall-ambjent tal-ICT ta' sptar. Ikkonsulta t-tassonomija tat-theddid ippreżentata f'din it-taqsimha flimkien mad-dipartiment tal-IT, tas-sigurtà jew tar-riskju tiegħek biex tidentifika liema theddidiet huma l-aktar rilevanti għall-organizzazzjoni tiegħek. Din l-attività għandha tkun parti mill-kompiti tal-IT fl-isptar irrispettivament mill-potenzjal tal-akkwist.

**Tabella 2:** Tipi ta' Theddid (Tassonomija tat-Theddid)

Theddida	Eżempji
Fenomeni naturali	Nar, għargħar jew terremoti
Ħsara fil-katina tal-provvista	Ħsara fil-fornitur tas-Servizzi tal-Cloud, Ħsara fil-fornitur tan-network, Ħsara fil-provvista tal-enerġija, Ħsara/nuqqas ta' responsabbiltà tal-manifattur tal-apparat mediku
Żbalji umani	Żball fil-konfigurazzjoni tas-sistema medika, Assenza ta' reġistri tal-awditjar, Kontroll tal-aċċess mhux awtorizzat/nuqqas ta' proċessi, Nuqqas ta' konformità (BYOD), Persunal mediku/żball tal-pazjenti
Azzonijiet malizzjużi	Malware (Virus, Ransomware, BYOD), Ħtif (Kriptosekwestru, Medjacking), Inġinerija Soċjali (Phishing, Baiting, Device cloning), Serq (Data, Apparat), Tbagħbis ta' Apparat Mediku, Skimming, Ċaħda tas-Servizz, Atti bbażati fuq l-Internet, Attakki fuq l-applikazzjoni web, Theddida minn informazzjoni privileġġata, Manipulazzjoni/ħsara fiżika, Serq ta' Identità, Spjunaġġ ċibernetiku, Tfixkil mekkaniku tal-komponenti
Ħsarat fis-Sistema	Ħsara fis-software, Firmware skadut, Ħsara fl-apparat, Ħsara fil-komponenti tan-network, Manutenzjoni insuffiċjenti

## PRATTIKI TAJBA GĦAĊ-ĊIBERSIGURTÀ FL-AKKWIST

Il-lista ta' prattiki tajba ta' hawn taħt bl-ebda mod ma hija eżawrjenti; madankollu, din tagħti vantaġġ solidu lill-professionist tal-IT tal-kura tas-saħħa responsabbli għax-xiri ta' tagħmir fi sptar. Is-sett ta' prattiki tajba huwa r-riżultat kollettiv tal-kontribut kollu li jirċievu l-professionisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa intervistati. Il-qarrej jista' jadatta l-lista abbażi tal-prijoritajiet tal-organizzazzjoni tiegħu/tagħha.

### **GP 1. Involvi lid-dipartiment tal-IT fl-istadji differenti tal-akkwist biex tiżgura li l-għarfien espert fl-aspetti taċ-ċibersigurtà jiġi kkunsidrat.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Kollha

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Kollha

**Theddid Relatat:** Kollha

### **GP 2. Implimenta proċess ta' identifikazzjoni u ġestjoni tal-vulnerabbiltà biex tiżgura li l-vulnerabbiltajiet jiġu kkunsidrati qabel ma takkwista prodotti jew servizzi ġodda u li l-vulnerabbiltajiet tal-prodotti/servizzi eżistenti jiġu mmonitorjati matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Kollha

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Sistemi ta' informazzjoni klinika, Apparat Mediku, Tagħmir tan-Networking, Sistema ta' Kura mill-Bogħod, Apparat Mobbli għall-Klijenti, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali, Servizzi tal-Cloud

**Theddid Relatat:** Kollha

### **GP 3. Żviluppa politika għall-aġġornamenti tal-hardware u s-software biex tiżgura li jiġu applikati l-aħħar patches għall-OS u s-software tiegħek u li jiġi aġġornat is-Software antivirus.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Kollha

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Apparat Mediku, Sistemi ta' Informazzjoni Klinika, Tagħmir tan-Networking, Sistema ta' Kura mill-Bogħod, Apparat Mobbli għall-Klijenti, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali, Servizzi tal-Cloud

**Theddid Relatat:** Azzjonijiet Malizzjużi, Ħsara fil-Katina tal-Provvista, Ħsarat fis-Sistema

### **GP 4. Saħħaħ il-kontrolli tas-sigurtà għall-komunikazzjoni mingħajr fili biex tiżgura li l-aċċess għan-networks tal-Wi-Fi tal-Isptar ikun limitat u kkontrollat b'mod strett.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Kollha

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Apparat mediku, apparati tal-klijenti remoti, sistemi ta' identifikazzjoni, servizzi tal-cloud

**Theddid Relatat:** Azzjonijiet Malizzjużi, Żbalji Umani

**GP 5. Stabbilixxi politiki ta' ttestjar biex tiżgura li prodotti li jkunu għadhom kemm ġew akkwistati jew li jkunu għadhom kif ġew ikkonfigurati jgħaddu minn test tal-penetrazzjoni u li l-azzjonijiet ta' rimedju meħuda jkunu konformi mal-parametri operattivi tal-ambjent attwali.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Kollha

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Sistemi ta' informazzjoni klinika, apparat mediku, tagħmir tan-networking, sistema ta' kura mill-bogħod, apparat mobbli għall-klijenti, sistemi ta' identifikazzjoni, sistema ta' ġestjoni tal-bini, sistemi ta' kontroll industrijali, servizzi tal-cloud

**Theddid Relat:** Azzjonijiet Malizzjużi, Ħsarat fis-Sistema, Żbalji Umani

**GP 6. Stabbilixxi Pjanijiet ta' Kontinwità tan-Negozju biex tiżgura li l-falliment ta' sistema ma jfixkilx is-servizzi ewlenin tal-isptar u r-rwol tal-fornitur ikun definit sew.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Kollha

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Apparatt Mediku, Sistemi ta' Informazzjoni Klinika, Tagħmir tan-Networking, Sistema ta' Kura mill-Bogħod, Apparatt Mobbli għall-Klijenti, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali, Servizzi tal-Cloud

**Theddid Relat:** Azzjonijiet Malizzjużi, Ħsara fil-Katina tal-Provvista, Ħsarat fis-Sistema

**GP 7. Ikkunsidra kwistjonijiet ta' interoperabbiltà biex tiżgura li ma jkun hemm l-ebda lakuna fis-sigurtà mal-komponenti li diġà jeżistu (IT legat).**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Kollha

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Sistemi ta' informazzjoni klinika, apparat mediku, Sistema ta' Kura mill-Bogħod, Apparatt Mobbli għall-Klijenti, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali, Servizzi tal-Cloud

**Theddid Relat:** Ħsarat fis-sistema, Żbalji Umani, Azzjonijiet Malizzjużi

**GP 8. Ippermetti l-ittestjar tal-komponenti kollha biex tiggarrantixxi li jwettqu dak li huwa mwiegħed: ivverifika kemm hu faċli l-użu, iċċekkja l-korrettezza tar-riżultati taħt tagħbija, u ċċekkja għal difetti fis-sigurtà (politika dgħajfa tal-password, injezzjoni tal-SQL).**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Kollha

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Sistemi ta' informazzjoni klinika, apparat mediku, apparati tal-klijenti remoti, sistemi ta' identifikazzjoni, servizzi tal-cloud, sistemi ta' kontroll industrijali, sistema ta' kura mill-bogħod, sistema ta' ġestjoni tal-bini, apparat mobbli għall-klijenti

**Theddid Relat:** Azzjonijiet Malizzjużi, Żbalji Umani, Ħsarat fis-Sistema, Ħsara fil-Katina tal-Provvista

## **GP 9. Ippermetti l-awditjar u l-illoggjar biex jiġu ntraċċati l-aggressuri u kemm intilfet/insterqet informazzjoni meta s-sistema tkun ġiet kompromessa.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Kollha

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Apparat Mediku, Sistema ta' Kura mill-Bogħod, Apparat Mobbli għall-Klijenti, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali

**Theddid Relat:** Azzjonijiet Malizzjużi, Ħsara fil-Katina tal-Provvista, Ħsarat fis-Sistema

## **GP 10. Ikkripta data personali sensittiva wieqfa u fi tranżitu billi tiddefinixxi politika għal sistemi, servizzi jew apparati li jipproċessaw l-Artikolu 9 tal-GDPR, kategoriji speċjali ta' data personali.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Kollha

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Apparat Mediku, Sistemi ta' Informazzjoni Klinika, Tagħmir tan-Networking, Sistema ta' Kura mill-Bogħod, Apparat Mobbli għall-Klijenti, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali, Servizzi tal-Cloud

**Theddid Relat:** Azzjonijiet Malizzjużi, Ħsara fil-Katina tal-Provvista, Ħsarat fis-Sistema

## **GP11. Wettaq valutazzjoni tar-riskju bħala parti mill-proċess ta' akkwist.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Ippjana

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Kollha

**Theddid Relat:** Kollha

## **GP 12. Ippjana bil-quddiem ir-rekwiżiti tan-network, tal-hardware u tal-liċenzji biex tiddetermina jekk għandhomx isiru aġġornamenti u/jew xiri addizzjonali qabel l-installazzjoni biex tiġi akkomodata s-sistema l-ġdida.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Ippjana

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Sistemi ta' Informazzjoni Klinika, Tagħmir tan-Networking, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali.

**Theddid Relat:** Ħsara fil-Katina tal-Provvista, Ħsarat fis-Sistema, Fenomeni Naturali, Żbalji Umani

## **GP 13. Identifika theddid relatat ma' prodotti jew servizzi ta' akkwist u żgura li l-identifikazzjoni tat-theddid tkun kontinwa fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-akkwist.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Ippjana, Immaniġġja

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Kollha

**Theddid Relat:** Kollha

## **GP 14. Issegrega n-network tiegħek biex tiżgura li t-traffiku tan-network ikun jista' jiġi iżolat u/jew iffiltrat biex tillimita u/jew tipprevjeni l-aċċess bejn iż-żoni tan-network.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Ippjana, Ikseb

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Apparat Mediku, Sistemi ta' Informazzjoni Klinika, Tagħmir tan-Networking, Sistema ta' Kura mill-Bogħod, Apparat Mobbli għall-Klijenti, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali, Servizzi tal-Cloud

**Theddid Relat:** Azzjonijiet Malizzjużi, Ħsara fil-Katina tal-Provvista, Ħsarat fis-Sistema

## **GP 15. Iddetermina r-rekwiżiti tan-network biex tiżgura interoperabbiltà u evita l-lakuni wara li toħloq it-topoloġija tan-network u tal-komponenti.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Ippjana

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Sistemi ta' Informazzjoni Klinika, Tagħmir tan-Networking, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali, Servizzi tal-Cloud, Sistemi ta' kura mill-Bogħod, Apparat mobbli għall-klijenti.

**Theddid Relat:** Ħsara fil-Katina tal-Provvista, Ħsarat fis-Sistema, Fenomeni Naturali

## **GP 16. Stabbilixxi r-rekwiżiti ta' referenza tas-sigurtà u aqlibhom fi kriterji ta' eliġibbiltà meta tagħżel il-fornituri.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Ippjana, Ikseb

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Apparat Mediku, Sistemi ta' Informazzjoni Klinika, Tagħmir tan-Networking, Sistema ta' Kura mill-Bogħod, Apparat Mobbli għall-Klijenti, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali, Servizzi tal-Cloud

**Theddid Relat:** Azzjonijiet Malizzjużi, Ħsara fil-Katina tal-Provvista, Ħsarat fis-Sistema

## **GP 17. Oħloq RfP dedikat għall-akkwist tas-Servizzi tal-Cloud filwaqt li tqis ir-rekwiżiti regolatorji u ta' politika.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Ippjana, Ikseb

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Servizzi tal-cloud

**Theddid Relat:** Azzjonijiet Malizzjużi, Ħsara fil-Katina tal-Provvista

## **GP 18. Ipprijoritizza l-akkwist ta' assi li huma ċċertifikati skont l-iskemi/l-istandards taċ-ċibersigurtà.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Ikseb

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Apparat Mediku, Sistemi ta' Informazzjoni Klinika, Tagħmir tan-Networking, Sistema ta' Kura mill-Bogħod, Apparat Mobbli għall-Klijenti, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali, Servizzi tal-Cloud

**Theddid Relat:** Azzjonijiet Malizzjużi, Ħsara fil-Katina tal-Provvista, Ħsarat fis-Sistema



## **GP 19. Wettaq valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* meta tippjana l-akkwist ta' sistema jew servizz ġdid.**

*Fażijiet tal-Akkwist:* Sors

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Sistemi ta' informazzjoni klinika, apparat mediku, tagħmir tan-networking, sistema ta' kura mill-bogħod, apparat mobbli għall-klijenti, sistemi ta' identifikazzjoni, servizzi professjonali, servizzi tal-cloud

**Theddid Relatati:** Azzjonijiet Malizzjużi, Żbalji Umani

## **GP 20. Issettja gateways li jżommu sistemi/magni legati konnessi u jipprovdu kontroll fuq il-fruntiera f'każ ta' problemi f'dawn il-gruppi.**

*Fażijiet tal-Akkwist:* Ikseb, Immaniġġja

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Apparati Mediku, Sistema ta' Kura mill-Bogħod, Apparati Mobbli għall-Klijenti, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali

**Theddid Relatati:** Azzjonijiet Malizzjużi, Ħsara fil-Katina tal-Provvista, Ħsarat fis-Sistema

## **GP 21. Ipprova taħriġ dwar iċ-ċibersigurtà dwar il-prattiki tas-sigurtà tal-organizzazzjoni biex tiżgura li l-persunal intern jew il-kuntratturi/konsulenti esterni li jaħdmu fuq il-post ikunu mħarrġa b'mod adegwat.**

*Fażijiet tal-Akkwist:* Ikseb, Immaniġġja

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Kollha

**Theddid Relatati:** Azzjonijiet Malizzjużi, Żbalji Umani

## **GP 22. Żviluppa pjanijiet ta' rispons għall-inċidenti li jkopru prodotti jew sistemi li jkunu għadhom kemm ġew akkwistati.**

*Fażijiet tal-Akkwist:* Ikseb, Immaniġġja

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Apparati Mediku, Sistemi ta' Informazzjoni Klinika, Tagħmir tan-Networking, Sistema ta' Kura mill-Bogħod, Apparati Mobbli għall-Klijenti, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali, Servizzi tal-Cloud

**Theddid Relatati:** Azzjonijiet Malizzjużi, Ħsara fil-Katina tal-Provvista, Ħsarat fis-Sistema

## **GP 23. Involvi lill-bejjieġh/manifattur fil-ġestjoni tal-inċidenti u stabbilixxi termini ċari fl-RfP.**

*Fażijiet tal-Akkwist:* Sors, Immaniġġja

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Apparati Mediku, Sistemi ta' Informazzjoni Klinika, Tagħmir tan-Networking, Sistema ta' Kura mill-Bogħod, Apparati Mobbli għall-Klijenti, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali, Servizzi tal-Cloud

**Theddid Relatati:** Azzjonijiet Malizzjużi, Ħsara fil-Katina tal-Provvista, Ħsarat fis-Sistema

**GP 24. Ippjana u mmonitorja l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni għat-tagħmir kollu biex tiżgura livell adegwat ta' funzjonalità u ddeċiedi dwar kwalunkwe aġġornament/patch eċċ.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Ikseb, Immaniġġja

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Sistemi ta' Informazzjoni Klinika, Tagħmir tan-Networking, Apparat Mediku, Sistemi ta' ġestjoni tal-bini, Sistema ta' Kura mill-Bogħod, Apparat Mobbli għall-Klijenti, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali, Servizzi tal-Cloud

**Theddid Relat:** Żball Uman, Ħsara fis-Sistema, Fenomeni Naturali

**GP 25. L-aċċess mill-bogħod għandu jiġi mminimizzat u amministrat b'tali mod li l-komunikazzjonijiet esterni mal-fornitur għandhom ikunu limitati għall-apparat li għandhom jikkontrollaw biss.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Sors, Immaniġġja

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Apparat Mediku, Sistemi ta' Informazzjoni Klinika, Tagħmir tan-Networking, Sistema ta' Kura mill-Bogħod, Apparat Mobbli għall-Klijenti, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali, Servizzi tal-Cloud

**Theddid Relat:** Azzjonijiet Malizzjużi, Ħsara fil-Katina tal-Provvista, Ħsarat fis-Sistema, Żbalji Umani

**GP 26. Itlob li jsir patching għall-komponenti kollha u inkludi informazzjoni fl-RfP.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Ikseb, Immaniġġja

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Apparat Mediku, Sistemi ta' Informazzjoni Klinika, Tagħmir tan-Networking, Sistema ta' Kura mill-Bogħod, Apparat Mobbli għall-Klijenti, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali, Servizzi tal-Cloud

**Theddid Relat:** Azzjonijiet Malizzjużi, Ħsara fil-Katina tal-Provvista, Ħsarat fis-Sistema

**GP 27. Qajjem sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà fost il-persunal biex tiżgura li dan ikun konxju tar-riskji assoċjati ma' prodotti jew servizzi li jkunu għandhom kemm ġew akkwistati.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Immaniġġja

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Kollha

**Theddid Relat:** Kollha



**GP 28. Wettaq ġestjoni tal-inventarju u tal-konfigurazzjoni tal-assi biex tiżgura li l-inventarju jiġi aġġornat kif xieraq meta kwalunkwe komponent jiżdied jew jitneħħa mill-ambjent tal-ICT u l-konfigurazzjonijiet tas-sigurtà bażi għall-komponenti tal-ICT jeżistu u jiġu ġestiti b'mod xieraq.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Immaniġġja

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Sistemi ta' informazzjoni klinika, apparat mediku, tagħmir tan-networking, sistema ta' kura mill-bogħod, apparat mobbli għall-klijenti, sistemi ta' identifikazzjoni

**Theddid Relat:** Azzjonijiet Malizzjużi, Żbalji Umani, Ħsarat fis-Sistema

**GP 29. Stabbilixxi mekkaniżmi ta' kontroll tal-aċċess dedikati għal faċilitajiet ta' apparat mediku li għandhom ukoll ikunu fiżikament protetti u aċċessibbli biss għal persunal speċjalizzat.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Immaniġġja

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Apparatt mediku, sistema ta' ġestjoni tal-bini, sistemi ta' identifikazzjoni

**Theddid Relat:** Azzjonijiet Malizzjużi, Żbalji Umani

**GP 30. Ippjana t-testijiet tal-penetrazzjoni ta' spiss jew wara bidla fl-arkitektura/sistema u inkludi t-termini fl-RfP.**

**Fażijiet tal-Akkwist:** Ikseb, Immaniġġja

**Tipi Relatati ta' Akkwist:** Apparatt Mediku, Sistemi ta' Informazzjoni Klinika, Tagħmir tan-Networking, Sistema ta' Kura mill-Bogħod, Apparatt Mobbli għall-Klijenti, Sistemi ta' Identifikazzjoni, Sistemi ta' Kontroll Industrijali, Servizzi tal-Cloud

**Theddid Relat:** Azzjonijiet Malizzjużi, Ħsara fil-Katina tal-Provvista, Ħsarat fis-Sistema